MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) VAT

**MAGISTRAT DR.
GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Numru. 363/2002

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Audrey Buttigieg** bint George Buttigieg u Vincenza nee` Refalo imwielda fit-23 ta' Lulju 1976 u li toqghod 'Dar Buttigieg', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex.

Karta ta' l-Identita` Nru. 20376 (G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-29 ta' Settembru 2001 u fi

zmien li jigi qabel dni id-data, fil-hanut Rubble Snack Bar, 25, Victory Square, Xaghra, Ghawdex naqset li zzomm kopji ta' l-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1 (g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att u l-artikolu 76 (b) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi n-natura tal-prova f'dan il-kaz hija wahda dubjuza. Il-prosekuzzjoni esebiet fotokopja tal-parti relattiva tal-Journal meta minn ezami tal-fotokopja jirrizulta illi huma zewg bicciet muntati f'wahda b'mod illi l-parti mwahhla tal-journal hija "printed" fuq l-area li dan il-cash register ma jistax jistampa. F'awla kriminali, din il-prova mhix idonea.

Ghalhekk ma ssibx lill-imputat hajta u tilliberaha.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-esebiti jintbaghtu lill-Kummissarju tal-V.A.T.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur